Nru. 18,018
Prezz Lm1.44ċ
Price Lm1.44c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 12 ta' Jannar, 2007
Friday, 12th January, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 21

FORZI ARMATI TA' MALTA

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġbu japprova l-irtirar tal-Kaptan Joseph Debono mill-*Active List* tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta, b'seħħ mit-8 ta' Jannar, 2007.

It-12 ta' Jannar, 2007
(OPM/33/1987/II)

Nru. 22

AĠENT PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI

B'ŻIEDA man-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 5 ta' l-2007, ngħarrfu għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir ta' l-Aġent Prim Ministru, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Tonio Borg, LL.D., M.P., Viċi Prim Minisru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, jassumi d-dmirijiet ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, b'żieda ma' dawk tal-Ministeru tiegħu, bejn l-4 u l-10 ta' Jannar, 2007, l-Onor. Censu Galea, B.E&A., A&C.E., M.P., Ministru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni, jassumi d-dmirijiet ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, b'żieda ma' dawk tal-Ministeru tiegħu, bejn il-11 u t-13 ta' Jannar, 2007 u l-Onor. Louis Galea, B.A., LL.D., M.P., Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol, jassumi d-dmirijiet ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, b'żieda ma' dawk tal-Ministeru tiegħu, fl-14 ta' Jannar 2007.

Il-11 ta' Jannar, 2007
(OPM 31/2007)

GOVERNMENT NOTICES

No. 21

ARMED FORCES OF MALTA

THE President of Malta has been pleased to approve the retirement of Captain Joseph Debono from the Active List of the Armed Forces of Malta Regular Force, with effect from 8th January 2007.

12th January, 2007

No. 22

ACTING PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

Further to Government Notice No. 5 of 2007, it is notified for general information that, acting on the advice of the Acting Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Tonio Borg, LL.D., M.P., Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs, assumes the duties of Prime Minister and Minister of Finance, in addition to those of his own Ministry, between the 4th and 10th January, 2007, the Hon. Censu Galea, B.E&A., A&C.E., M.P. Minister for Competitiveness and Communications, assumes the duties of Prime Minister and Minister of Finance, in addition to those of his own Ministry, between the 11th and 13th January, 2007, and the Hon. Louis Galea, B.A., LL.D., M.P., Minister of Education, Youth and Employment, assumes the duties of Prime Minister and Minister of Finance, in addition to those of his own Ministry on the 14th January 2007.

11th January, 2007

Nru. 23

ORDNI MILL-MINISTRU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għamel din l-Ordni li biha l-adozzjoni magħmula b'Riżoluzzjoni datata 24 ta' Ottubru 2006 mis-Civil Bar ta' Sofia City Court fil-każ ċivili numru 2514 tal-2006, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni barranija tal-persuna hemmhekk imsemmija, u dan għall-finijiet ta' l-artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili, u soġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' dik il-Kodiċi li huma applikabbli għal adozzjoni bħal din.

DOTT. TONIO BORG
Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern

It-12 ta' Jannar, 2007

No. 23

ORDER OF THE MINISTER OF JUSTICE AND HOME AFFAIRS

IN exercise of the powers conferred by article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister of Justice and Home Affairs has made this Order whereby the Adoption Resolution dated 24th October 2006 made by the Civil Bar of the Sofia City Court in the civil case number 2514 of 2006, is being specified as an overseas adoption of the person therein mentioned for the purposes of articles 113, 130 and 130A of the Civil Code, and subject to the provisions of that Code which are applicable to such adoption.

DR TONIO BORG
Minister of Justice and Home Affairs

12th January, 2007

Nru. 24

ATT DWAR IL-VJOLENZA DOMESTIKA (KAP. 481)

Ħatra ta' Membru tal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Vjolenza Domestika (Kap. 481), u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali approvat il-ħatra ta' l-Ispett. Louise Calleja, B.Psych. (Hons.), bħala membru tal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika, għall-perjodu mill-1 ta' Jannar, 2007 sat-28 ta' Frar, 2009.

Il-ħatra tas-Supt. Sharon Tanti, B.Psych. (Hons.), bħala membru ta' din il-Kummissjoni hija b'din imħassra.

It-12 ta' Jannar, 2007

No. 24

DOMESTIC VIOLENCE ACT, (CAP. 481)

Appointment of Member of the Commission on Domestic Violence

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by section 3 of the Domestic Violence Act (Cap. 481), and for the purpose of that Act, the Minister for the Family and Social Solidarity has approved the appointment of Insp. Louise Calleja, B.Psych. (Hons.), as member of the Commission on Domestic Violence, for the period 1st January, 2007 to the 28th February, 2009.

The appointment of the Supt. Sharon Tanti, B.Psych. (Hons) as a member of this Commission is hereby repealed.

12th January, 2007

Nru. 25

ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI (KAP. 318)

Nomina ta' Lista ta' Tobba

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija lilha bl-artikolu 106 ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318), il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali ħatret it-tobba li jidhru hawn taħt biex ikunu membri tal-Lista ta' Tobba għall-finijiet speċifikati ta' l-imsemmi Att.

No. 25

SOCIAL SECURITY ACT (CAP. 318)

Appointment of Medical Panel

IN exercise of the powers vested in her by section 106 of the Social Security Act (Cap. 318), the Minister for the Family and Social Solidarity has appointed the Medical Officers shown hereunder to be members of the Panel of Medical Practitioners for the purposes of the said Act.

Dawn il-ħatriet huma b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 2007 u jibqgħu validi sal-31 ta' Marzu, 2007.

In-Notifikazzjonijiet tal-Gvern li saru qabel u li jikkonċernaw l-istess suġġett huma b'din imħassra.

Dott. Gino Abela, M.D.
Dott. Harold Abela, M.D.
Dott. Edgar Agius, M.D., M.R.C.O.G., F.R.C.O.G
Dott. Alfred Aquilina, M.D.
Dott. Francis Bartolo, M.D.
Dott. Louis Bonello, M.D.
Dott. Alexandra Buttigieg, M.D.
Dott. Misael Cassar, M.D., M.R.C.G.P. (Lond)
Dott. France Consiglio, M.D.
Dott. Renzo Degabriele, M.D.
Dott. George Depasquale, M.D.
Dott. Alan Ellul, M.D., M.Sc. (Zag)
Dott. Laurence Ellul, M.D.
Dott. Godfrey Farrugia, M.D.
Dott. Victoria Farrugia Sant'Angelo, M.D.
Dott. Maurice Gatt, M.D.
Dott. Herbert Lenicker, M.D., D.Sc., D.C.H.
Dott. Anthony Livori, M.D.
Dott. John Mizzi, M.D.
Dott. Vincent Moran, M.D.
Il-Prof. Joe Muscat, M.D., F.R.C.S. (Eng)
Dott. Victor Muscat, M.D., D.M.R.T. (Lond)
Dott. Joseph G. Pace, M.D.
Dott. Cecil Tancred Paris, M.D., P.Pharm.
Dott. Espedito Rapa, M.D.
Dott. Mario R. Rizzo Naudi, M.D.
Dott. Roy Schembri Wismayer, M.D., D.C.P. (Lond), Dip. Bact. (Lond), Primary R.C. Path (Haem) UK, A.M.C.A.P.
Dott. Salvino Schembri Wismayer, M.D.
Dott. Carmel Sciberras, M.D., F.R.C.S. (Glas)
Dott. Philip Sciortino, M.D.
Dott. Denis A. Soler, M.D., F.R.C.G.P.
Dott. Paul Vassallo Agius, M.D., F.R.C.P.(Lond), D.C.H.
Dott. Joseph Vella Baldacchino, M.D., D.I.S. Psych.
Dott. Joseph L. Zammit, M.D.

It-12 ta' Jannar, 2007

These appointments are effective from 1st January, 2007 and shall remain valid up to the 31st March, 2007.

Previous Government Notices concerning the same matter are hereby revoked.

Dr Gino Abela, M.D.
Dr Harold Abela, M.D.
Dr Edgar Agius, M.D., M.R.C.O.G., F.R.C.O.G.
Dr Alfred Aquilina, M.D.
Dr Francis Bartolo, M.D.
Dr Louis Bonello, M.D.
Dr Alexandra Buttigieg, M.D.
Dr Misael Cassar, M.D., M.R.C.G.P. (Lond)
Dr France Consiglio, M.D.
Dr Renzo Degabriele, M.D.
Dr George Depasquale, M.D.
Dr Alan Ellul, M.D. M.Sc. (Zag)
Dr Laurence Ellul, M.D.
Dr Godfrey Farrugia, M.D.
Dr Victoria Farrugia Sant'Angelo, M.D.
Dr Maurice Gatt, M.D.
Dr Herbert Lenicker, M.D., D.Sc., D.C.H.
Dr Anthony Livori, M.D.
Dr John Mizzi, M.D.
Dr Vincent Moran, M.D.
Prof. Joe Muscat, M.D., F.R.C.S. (Eng)
Dr Victor Muscat, M.D., D.M.R.T. (Lond)
Dr Joseph G. Pace, M.D.
Dr Cecil Tancred Paris, M.D., P.Pharm.
Dr Espedito Rapa, M.D.
Dr Mario R. Rizzo Naudi, M.D.
Dr Roy Schembri Wismayer, M.D., D.C.P. (Lond), Dip. Bact. (Lond), Primary R.C. Path (Haem) UK, A.M.C.A.P.
Dr Salvino Schembri Wismayer, M.D.
Dr Carmel Sciberras, M.D., F.R.C.S. (Glas)
Dr Philip Sciortino, M.D.
Dr Denis A. Soler, M.D., F.R.C.G.P.
Dr Paul Vassallo Agius, M.D., F.R.C.P. (Lond), D.C.H.
Dr Joseph Vella Baldacchino, M.D., D.I.S. Psych.
Dr Joseph L. Zammit, M.D.

12th January, 2007

Nru. 26

ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI (KAP. 318)

Nomina ta' Membri tal-Kumitat dwar Għajnuna Soċjali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 128 ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318), u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali approvat

No. 26

SOCIAL SECURITY ACT (CAP. 318)

Appointment of Members of the Social Assistance Board

IN exercise of the powers conferred by section 128 of the Social Security Act (Cap. 318), and for the purpose of that Act, the Minister for the Family and Social Solidarity has

li l-Bord għall-Għajnuna Soċjali mwaqqaf taħt u skond l-Att imsemmi hawn fuq, ikun magħmul kif jidher hawn taħt:-

Chairman:
Id-Direttur tas-Sigurtà Soċjali jew rappreżentant tiegħu

Membri:
L-Onor. Fredrick Azzopardi, M.P.
L-Onor. Karl J. Chircop, M.P.
Is-Sur Anthony Micallef Debono
Is-Sur Leone Fenech
Is-Sur Philip Bonnici
Is-Sinjura Stephania Sacco

Segretarju:
Is-Sur Alfred Portelli

Din il-ħatra tibqa' sseħħ sal-31 ta' Diċembru, 2007.

In-Notifikazzjonijiet tal-Gvern li saru qabel li jikkonċernaw l-istess suġġett huma b'din imħassra.

It-12 ta' Jannar, 2007

approved that the Social Assistance Board established by and under the aforesaid Act, be composed as follows:-

Chairman:
The Director of Social Security or his representative

Members:
The Hon. Fredrick Azzopardi, M.P.
The Hon. Karl J. Chircop, M.P.
Mr Anthony Micallef Debono
Mr Leone Fenech
Mr Philip Bonnici
Ms Stephania Sacco

Secretary:
Mr Alfred Portelli

This appointment shall remain valid up to the 31st December, 2007.

Previous Government Notices concerning the same matter are hereby revoked.

12th January, 2007

Nru. 27

PERSUNI NATURALIZZATI BĦALA ĊITTADINI TA' MALTA

IL-LISTA li ġejja ta' persuni li ġew naturalizzati bħala ċittadini ta' Malta bejn Ottubru/Diċembru 2006, hija ppubblikata għall-informazzjoni ta' kulħadd skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 25 (1) ta' l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Kap. 188).

No. 27

PERSONS NATURALISED AS CITIZENS OF MALTA

THE following list of persons who have been naturalised as citizens of Malta during October/December 2006, is being published for general information in accordance with the provisions of section 25 (1) of the Maltese Citizenship Act (Cap. 188).

Kunjom *Surname*	Isem *Name*	Data ta' Naturalizzazzjoni *Date of Naturalization*
Arena	Michael	16/10/2006
Asleh	Shaker Youssef	20/11/2006
Awad Atia	Kamal	18/12/2006
Balakrishnan	Eric	18/12/2006
Balakrishnan	Adam	18/12/2006
Boughachiche	Salim	20/11/2006
Calvanico	Lamu	24/10/2006
Calvanico	Luciano	24/10/2006
Dhandapani	Balakrishnan	24/10/2006
Ellul	Unyamanee	18/12/2006
Essail	Jamila	24/10/2006
Florian Viton	Alba	18/12/2006
Grixti	Maxim Derinovich	24/10/2006
Krauer	Shalane	22/12/2006
Krauer	Talisa	22/12/2006
Massaoudi	Mounira	22/12/2006

It-12 ta' Jannar, 2007

12th January, 2007

Nru. 28

PERSUNI REĠISTRATI BĦALA ĊITTADINI TA' MALTA

IL-LISTA li ġejja ta' persuni li ġew irreġistrati bħala ċittadini ta' Malta bejn Ottubru/Diċembru 2006, hija ppubblikata għall-informazzjoni ta' kulħadd skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 25 (1) ta' l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Kap. 188).

No. 28

PERSONS REGISTERED AS CITIZENS OF MALTA

THE following list of persons who have been registered as citizens of Malta during October/December 2006, is being published for general information in accordance with the provisions of section 25 (1) of the Maltese Citizenship Act (Cap. 188).

Kunjom *Surname*	Isem *Name*	Data ta' Reġistrazzazzjoni *Date of Registration*
Abrossimova	Ekaterina	25/10/2006
Abu El-Filat	Rania Imad	18/10/2006
Allen	Christopher Desmond	10/11/2006
Atallah	Abdul Haakim	10/11/2006
Azzopardi	Nina Marguerita	25/10/2006
Azzopardi	Astkhik	22/11/2006
Babani	Adel Mohammed	25/10/2006
Bajada	Julie Anne	01/11/2006
Balbo	Roberto	18/12/2006
Baldacchino	Lisa Jane	25/10/2006
Ben Said	Ramadan	22/11/2006
Bertone	Gabriele	18/12/2006
Best	Stanley	01/11/2006
Bezzina	Oxana	18/12/2006
Bonavia	Vira	22/11/2006
Bonnici	Marietta	10/11/2006
Borg	Janelle Lee	06/10/2006
Borg	Leonard	22/11/2006
Breckenridge	Peta	06/10/2006
Brincat	Wendy	25/10/2006
Broadway	Ann Christine	10/11/2006
Buttigieg	Charles Paul	11/10/2006
Caldwell	Michelle Belinda	08/11/2006
Carmuciano	Melinda	18/12/2006
Crossey	Robert Louis	06/10/2006
Crowe	Robert Anthony	10/11/2006
Dalli	Svitlana	06/10/2006
Darragh	Andrew James	22/11/2006
Dawson	Alan	08/11/2006
Debrincat	Salvina	10/11/2006
Dodds	Marc Gordon	18/12/2006
Donauer	Thomas	22/11/2006
El Daoud	Mona	22/11/2006
El Gamei	Geilani	25/10/2006
Farrugia	Dijana	01/11/2006
Ferry	Rachel Helen	22/11/2006

Kunjom *Surname*	Isem *Name*	Data ta' Reġistrazzazzjoni *Date of Registration*
Frendo	Paula Claire	18/10/2006
Galea	Josephine	25/10/2006
Gannon	Vernon	01/11/2006
Garner	Sarah Elizabeth	18/12/2006
Green	Anna Marta	01/11/2006
Grima	Carol Ann	06/10/2006
Grima	Joseph	25/10/2006
Grima	Elena Andreevna	18/12/2006
Henderson	Andrew Francis	10/11/2006
Iles	Joan	08/11/2006
Ivanova	Olga	14/11/2006
Izuakor	Arthur	01/11/2006
Kelatma	Abderrahmane	08/11/2006
Kristiansen	Narelle Marie	06/10/2006
Labandero	Gilmore	08/11/2006
Mannino	Rebecca	11/10/2006
Manser	Jeffrey David	18/12/2006
Mason	Andrew Paul	01/11/2006
Meier	Trevor Richard	06/10/2006
Mileski	Aramenta	18/10/2006
Mizzi Liang	Sai	06/10/2006
Mueller	David James	06/10/2006
Murray	Craig	01/11/2006
Nathan	Richard Christopher	18/10/2006
Owens Jr	Johnny	17/11/2006
Planojevic	Nebojsa	08/11/2006
Portelli	Paul Michael	22/11/2006
Reiff	Sascha	08/11/2006
Reynolds	Thomas Arthur	10/11/2006
Ryan Vella	Leane Mareta	22/11/2006
Salah	Usama Giuma	10/11/2006
Smith	Samuel David	01/11/2006
Snooks	Brett Anthony	18/12/2006
Snooks	Gary Keith	18/12/2006
Spiteri	Nathan Joseph	06/10/2006
Stanley	Michael John	11/10/2006
Stevens	David John	10/11/2006
Tonna	Tania Connie	08/11/2006
Underwood	Joseph Henry	22/11/2006
Vella	Louisa	25/10/2006
Webster	Danielle Therese	08/11/2006
Zammit	Monica Ann	11/10/2006
Zammit	Sally Jane	25/10/2006
Zammit	Lisa Agnes	08/11/2006
Zheng	Shula	01/11/2006

Nru. 29

ATT DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP (KAP. 356)

Eżenzjoni minn Studju ta' l-Impatt Ambjentali Limitat

B'KONFORMITÀ mar-regolamenti 3(8) fil-Parti II ta' l-Avviż Legali Nru. 204 ta' l-2001 rigward l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, u minħabba l-fatt illi l-MEPA għandha tagħrif biżżejjed biex tieħu deċiżjoni fuq din l-Applikazzjoni, id-Direttur ta' l-Ippjanar, bi ftehim mad-Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent, jaqbel li jeżenta l-applikant milli jħejji Studju dwar l-Impatt Ambjentali limitat:

Applikazzjoni Nru: PA 06476/04
Post: Il-Qasam, Kerċem, Għawdex
Proposta: Twaqqigħ ta' ħitan periferali eżistenti u kamra tal-pompa u bini ta' razzett tal-*broilers*

Dawn l-impatti potenzjali sinifikanti fuq l-ambjent kienu identifikati u miżuri ta' mitigazzjoni ġew proposti fl-istqarrija dwar id-deskrizzjoni tal-proġett (PDS), kif sottomess lil MEPA fid-29 ta' Mejju, 2006.

Impatti potenzjali sinifikanti	**Pożittiv/Negattiv**	**Rimarki fuq miżuri ta' mitigazzjoni, eċċ.**
Użu ta' l-art	Pożittiv/Negattiv	Ir-razzett il-ġdid se jkun rilokat f'sit li hu aktar 'il bogħod miż-żona residenzjali tal-belt Victoria, għalhekk se jkun hemm tnaqqis sostanzjali ta' l-impatt negattiv relatat mas-sit antik tar-razzett. Is-sit il-ġdid se jwassal għal titjib fl-operat u se jnaqqas l-impatt totali fuq l-ambjent.
Irwejjaħ	Pożittiv	Ir-rilokazzjoni tar-razzett se jwassal għal nuqqas fuq l-effetti kkawżati mill-irwejjaħ fuq iż-żona residenzjali li tinsab fil-viċinanzi.
Idroloġija	Negattiv	Miżuri biex titħares iż-żona ta' protezzjoni ta' l-ilma tal-pjan se jkunu implimentati.
Viżwali	Negattiv	Skema ta' *landscaping* se tkun adottata biex tnaqqas l-effetti viżwali fuq is-sit il-ġdid.
Saħħa Pubblika	Positive	Is-sit il-ġdid se jnaqqas l-impatt possibbli fuq is-saħħa pubblika minħabba fiż-żieda fid-distanza tar-razzett innifsu miż-żona residenzjali, flimkien ma' titjib tal-kundizzjonijiet sanitarji u iġġjeniċi tar-razzett innifsu

Nru. 29

DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 356)

Waiving of Environmental Planning Statement

IN conformity with Part II provision 3 (8) of Legal Notice No. 204 of 2001 in respect of the application mentioned hereunder, and in view of the fact that MEPA has sufficient information to take a decision on this application, the Director of Planning, in agreement with the Director of Environment Protection, agree to exempt the applicant from preparing an Environmental Planning Statement:

Application No: *PA* 06476/04
Location: Il-Qasam, Kerċem, Gozo
Proposal: *To demolish existing boundary walls and pump room and erect a broiler house*

The following potential significant environmental impacts were identified and mitigation measures proposed through the Project Description Statement (PDS), as submitted to MEPA on the 29th May, 2006.

Potential Significant Impact	***Positive/Negative***	***Remarks on mitigation measures, etc.***
Land use	*Positive/Negative*	*Broiler farm will be relocated in a site more distant from the residential area of Victoria, thus decreasing possible negative impacts related to the former siting of farm.*

		New location would lead to better operations and lessen overall environmental impact.
Odours	*Positive*	*Relocation of the farm will lead to a lessening of the effects on residential area in close proximity.*
Hydrology	*Negative*	*Measures for protection of aquifer protection zone will be enforced.*
Visual	*Negative*	*A landscaping scheme will be adopted to minimize visual impacts in the new site.*
Public Health	*Positive*	*New farm location will lessen any undesirable health risks due to the increased distance from the residential area together with the overall improved sanitary and hygienic conditions of the farm.*

Minkejja dan l-imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni addizzjonali kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

It-12 ta' Jannar, 2007

12th January, 2007

Nru. 30

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA)
(KAP. 46)

No. 30

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
05. 01. 07	Lm6.65c8	14c4
08. 01. 07	Lm6.49c9	14c1
09. 01. 07	Lm6.51c3	14c2
10. 01. 07	Lm6.59c9	14c4
11. 01. 07	Lm6.56c9	14c4

It-12 ta' Jannar, 2007

12th January, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 3

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi tas-sewqan huma pprojbiti fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Mellieħa

Nhar il-Ħadd, l-14 ta' Jannar 2007 mid-9.30 a.m. sas-1.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Fortizza, Salvu Camilleri, San Mikiel, parti minn il-Mitħna l-Ġdida , parti minn Nap. Caruana Dingli, Muna, parti oħra minn il-Mitħna l-Ġdida, il-Parroċċa, Misraħ il-Parroċċa, Salvinu Vella, Misraħ il-Papa Ġwanni Pawlu II, Ġorġ Borg Olivier, parti minn il-Kbira, tas-Salib, San Mikiel, Salvu Camilleri sal-Fortizza tas-Salib.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, ikunu suġġett li jiġu rmunkati.

It-12 ta' Jannar, 2007

POLICE NOTICE

No. 3

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Mellieħa

On Sunday, 14th January 2007 from 9.30 a.m. to 1.00 p.m. through the following streets: il-Fortizza, Salvu Camilleri, San Mikiel, part of il-Mitħna l-Ġdida, part of Nap. Caruana Dingli, Muna, another part of il-Mitħna l-Ġdida, il-Parroċċa, Misraħ il-Parroċċa, Salvinu Vella, Misraħ il-Papa Ġwanni Pawlu II, Ġorġ Borg Olivier, part of il-Kbira, tas-Salib, San Mikiel, Salvu Camilleri up to il-Fortizza tas-Salib.

Vehicles found in contravention of this notice, are liable to be towed.

12th January, 2007

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 1 ta' l-2007

Lista li Takkumula ta' Avviżi mill-Awtorità Marittima ta' Malta

L-Awtorità Marittima ta' Malta tgħarraf li l-avviżi li ġejjin maħruġa mill-istess Awtorità għadhom fis-seħħ:

1. Avviż lill-Baħħara Nru 27 ta' l-1995
Rigward: Tneħħija ta' Rmiġġi 'l hinn minn Xatt il-Barriera fil-Port il-Kbir - Malta

2. Avviż lill-Baħħara Nru 24 ta' l-1996
Rigward: Irmiġġi fil-Bajja ta' San Ġorġ, Birżebbuġa

3. Avviż lill-Baħħara Nru 9 ta' l-2001
Rigward: Manuvrar ta' Inġenji Żgħar fil-Portijiet ta' Malta

4. Avviż lill-Baħħara Nru 59 ta' l-2003
Rigward: Informazzjoni u Prolungament ta' Avviżi lill-Baħħara

5. Avviż lill-Baħħara Nru 39 ta' l-2004
Rigward: Użu mhux awtorizzat ta' *Marker Buoys* f'Żoni għall-Għawwiema

6. Avviż lill-Baħħara Nru 47 of 2004
Rigward: Regolamenti dwar Irmiġġi ta' Bastimenti Żgħar u Dgħajjes

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 1 to 2007

Cumulative List of Notices of the Malta Maritime Authority

The Malta Maritime Authority notifies that the following notices of the Malta Maritime Authority are still in force:

1. Notice to Mariners No 27 of 1995
Re: Removal of moorings off Barriera Wharf in Grand Harbour - Malta

2. Notice to Mariners No 24 of 1996
Re: Moorings in St George's Bay, Birżebbuġa

3. Notice to Mariners No 9 of 2001
Re: Conduct of Small Crafts inside Maltese Harbours

4. Notice to Mariners No 59 of 2003
Re: Information and Promulgation of Notices to Mariners

5. Notice to Mariners No 39 of 2004
Unauthorised use of Marker Buoys at Swimmer Zones

6. Notice to Mariners No 47 of 2004
Re: Moorings of Small Ships and Boats Regulations

7. Avviż lill-Baħħara Nru 50 ta' l-2004
Rigward: Xogħlijiet ta' Tħammil fil-Bajja ta' Marsaxlokk

8. Avviż lill-Baħħara Nru 2 ta' l-2005
Rigward: Sparar b'Armi Żgħar fil-Pembroke Ranges

9. Avviż lill-Baħħara Nru 21 ta' l-2005
Rigward: Ma jistax isir Għawm fil-Port taċ-Ċirkewwa

It-12 ta' Jannar, 2007

7. Notice to Mariners No 50 of 2004
Re: Dredging works at Marsaxlokk Bay

8. Notice to Mariners No 2 of 2005
Re: Small Arms Firing at Pembroke Ranges

9. Notice to Mariners No 21 of 2005
Re: Prohibition of Swimming at Ċirkewwa Harbour

12th January, 2007

UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-VERIFIKA

Post ta' *Senior Auditor*
Performance/Value for Money Audits

L-Awditur Ġenerali jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Senior Auditor* ma' l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

Dawk li jixtiequ japplikaw għall-post ta' *Senior Auditor in Performance Audits* irid ikollhom abbiltà analitika, fil-kitba ta' rapporti u fl-Informazzjoni Teknoloġika. Għandu jkollhom Baċellerat ta' l-Arti, jew ekwivalenti, f'oqsma rilevanti li jinkludi, iżda mhux limitati għal, Studji Kummerċjali, Amministrazzjoni Pubblika, Ekonomija, Inġinerija, Statistika u *Accountancy*. Preferenza tingħata lil dawk li jkollhom esperjenza ta' tliet snin ta' wara l-lawrja.

Is-salarju għal dan il-grad huwa ta' Lm 7,288 b'żidiet ta' Lm167 fis-sena għhal Lm7,789. Jista' jingħata wkoll *performance bonus* fl-aħħar tas-sena.

Is-*Senior Auditor* jagħmel xogħol ta' natura *performance audits* fis-settur pubbliku bħala parti minn tim. Hu mistenni li hu/hi jaqdi/taqdi d-dmirijiet kollha bl-inqas superviżjoni u fil-qafas tal-liġi, regularitajiet, direttivi u politika ta' l-Uffiċċju Nazzjonali tal-verifika applikabbli. Is-*Senior Auditor* jassisti wkoll fit-tfassil tal-pjan ta' direzzjoni, programmi ta' verifika, jipprepara abbozzi għar-Rapport Annwali u rapporti oħra. Ix-xogħol ta' *Senior Auditor* jista' jinkludi wkoll l-preżentazzjoni orali ta' l-opinjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu/tagħha dwar s-suffiċjenza u l-effettività tas-sistemi u l-effiċjenza li biha jitwettqu attivitajiet governattivi.

L-applikanti għandhom ikunu kapaċi jikkomunikaw kemm verbalment u bil-miktub bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża.

L-impieg, li huwa bi prova għal sitt xhur, huwa fuq bażi *full-time* u huwa għal żmien definit ta' tliet snin li jista' jiġi mġedded soġġett għal servizz sodisfaċenti.

Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu

NATIONAL AUDIT OFFICE

Post of Senior Auditor
Performance/Value for Money Audits

The Auditor General invites applications for the post of Senior Auditor with the National Audit Office.

Applicants wishing to apply for the post of Senior Auditor in Performance Audits must have good analytical, report writing and IT skills. They must also be in possession of a Bachelors degree or equivalent in a relevant area including but not limited to Business Studies, Public Administration, Economics, Engineering, Statistics or Accountancy. Preference will be given to candidates with at least three years post graduate experience.

The post carries an annual salary of Lm 7,288 rising by annual increments of Lm 167 to Lm 7,789. A performance bonus may be awarded at the end of the year.

The Senior Auditor undertakes specific audit assignments as a member of the performance audit team. He/she is expected to conduct his/her duties with minimum supervision and within the framework of applicable laws, regulations and NAO policies and directives. The Senior Auditor also assists in drawing up of the Business Plan and audit programmes. He/she also prepares drafts for the annual and other audit reports. He/she may also be required to make oral presentations expressing opinions and recommendations on the adequacy and effectiveness of systems and the efficiency with which government activities are carried out.

Applicants must have the ability to communicate verbally and in writing in the Maltese and English languages.

The employment, which is subject to a probationary period of six months, is on a full time basis and is for a definite three year period which may be renewed subject to satisfactory performance.

Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included

jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

Hija r-responsabbiltà ta' l-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/Instituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-Malta Qualifications Recognition Centre (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg. Kopja ta' din l-evalwazzjoni tal-MQRIC jew l-awtorità nominata f'każ ta' ħruġ ta' *warrants*, trid tintbagħat ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

L-applikanti eliġibbli jiġu intervistati minn Bord ta' l-Għażla.

Isir eżami mediku biex jiġi żgurat li l-persuna magħżula tinsab f'saħħitha.

Il-kandidati għandhom jibagħtu lill-*Manager*, Finanzi u Amministrazzjoni, Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, Floriana CMR 02 ittra ta' applikazzjoni miktuba minnhom u kopja tal-*curriculum vitae*. Irid jintbagħat ukoll ċertifikat tal-kondotta maħruġ riċentiment mill-Puluzija.

Applikazzjonijiet għandhom jaslu l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika sa nhar il-Ġimgħa, id-19 ta' Jannar, 2007. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mingħand il-*Manager*, Finanzi u Amministrazzjoni, Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, Notre Dame Ravelin, Floriana CMR 02.

It-12 ta' Jannar, 2007

UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-VERIFIKA

Post ta' *Senior Auditor*
Financial and Compliance Audits

L-Awditur Ġenerali jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Senior Auditor* ma' l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

Dawk li jixtiequ japplikaw għal dan il-post irid ikollhom kwalifika fl-*accountancy* li twassal għal *warrant* ta' CPA u preferibbilment bi tnejn sa erba' snin esperjenza, wara l-lawrja, fil-verifika. L-applikanti jridu jkunu wkoll familjari ma' xogħol bil-kompjuter.

Is-salarju għal dan il-grad huwa ta' Lm7,288 b'żidiet ta' Lm167 fis-sena għal Lm7,789. Jista' jingħata wkoll *performance bonus* fl-aħħar tas-sena.

Is-*Senior Auditor* jaħdem/taħdem taħt is-sorveljanza diretta tal-*Principal Auditor*. Din il-persuna tmexxi wkoll membri fi

with applications, originals to be produced for verification at the interview).

It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on the comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment. A copy of the said report issued by the MQRIC, or the designated authority in case of warrants, should be attached to the application, with the original presented at the interview.

Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board.

The selected applicants will undergo a medical examination to ascertain that he/she is medically fit.

Candidates should submit to the Manager, Finance and Administration, National Audit Office, Notre Dame Ravelin, Floriana CMR 02 a letter of application in their own handwriting and a copy of their curriculum vitae. A Police Conduct Certificate recently issued is also to be submitted.

Applications are to reach the National Audit Office by Friday, 19th January, 2007. Late applications will not be considered.

Further information may be obtained from the Manager, Finance and Administration, National Audit Office, Notre Dame Ravelin, Floriana CMR 02.

12th Janiary, 2007

NATIONAL AUDIT OFFICE

Post of Senior Auditor
Financial and Compliance Audits

The Auditor General invites applications for the post of Senior Auditor with the National Audit Office.

Applicants wishing to apply for the post should possess an accountancy qualification leading to the CPA Warrant and preferably have two to four years post graduate experience in auditing. Computer literacy is a must.

The post carries an annual salary of Lm 7,288 rising by annual increments of Lm 167 to Lm 7,789. A performance bonus may be awarded at the end of the year.

The Senior Auditor works under the direct supervision of the Principal Auditor and is required to lead junior members

gradi inferjuri fi ħdan it-tim tagħha waqt l-eżerċizzji ta' verifika finanzjarja u ta' osservanza ta' diversi istituzzjonijiet u aġenziji tal-Gvern. Fost ir-responsabbiltajiet li għandha, din il-persuna tieħu sehem fl-ippjanar tal-pjan annwali ta' verifika kif ukoll ta' xogħlijiet oħra ta' verifika individwali. Is-*Senior Auditor* jagħti/tagħti s-sehem tiegħu/tagħha wkoll waqt li jkun qed isir l-abbozz ta' rapporti u rakkomandazzjonijiet.

of the audit team in carrying financial and compliance audits of various institutions and agencies of government. Incumbents will also be involved in assisting in the planning of the annual audit plan as well as the planning of individual audits and to assist in the drafting of reports and recommendations.

L-applikanti jridu ikunu kapaċi jikkomunikaw kemm verbalment u bil-miktub bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża.

Applicants must have the ability to communicate verbally and in writing in the Maltese and English Languages.

L-impieg li huwa bi prova għal sitt xhur, huwa fuq bażi *full-time* u huwa għal żmien definit ta' tliet snin li jista' jiġi imġedded suġġett għal servizz sodisfaċenti.

The employment, which is subject to a probationary period of six months, is on a *full time* basis and is for a definite three year period which may be renewed subject to satisfactory performance.

Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-appikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

Hija r-responsabbiltà l-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/Instituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg. Kopja ta' din l-evalwazzjoni tal-MQRIC jew l-awtorità nominata f'każ ta' ħruġ ta' *warrants*, trid tintbagħat ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on the comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment. A copy of the said report issued by the MQRIC, or the designated authority in case of warrants, should be attached to the application, with the original presented at the interview.

L-applikanti eliġibbli jiġu intervistati minn Bord ta' l-Għażla.

Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board.

Isir eżami mediku biex jiġi żgurat li l-persuna magħżula tinsab f'saħħitha.

The selected applicant will undergo a medical examination to ascertain that he/she is medically fit.

Il-kandidati għandhom jibagħtu lill-*Manager*, Finanzi u Amministrazzjoni, Uffiċċju Nazzonali tal-Verifika, Floriana CMR 02 ittra ta' applikazzjoni u kopja tal-*curriculum vitae*. Irid jintbagħat ukoll ċertifikat tal-kondotta maħruġ riċentiment mill-Puluzija.

Candidates should submit to the Manager, Finance and Administration, National Audit Office, Notre Dame Ravelin, Floriana CMR 02 a letter of application and a copy of their curriculum vitae. A Police Conduct Certificate recently issued is also to be submitted.

Applikazzjonijiet għandhom jaslu l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika sa' nhar il-Ġimgħa, id-19 ta' Jannar, 2007. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Applications are to reach the National Audit Office by Friday, 19th January, 2007. Late applications will not be considered.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mingħand il-*Manager*, Finanzi u Amministrazzjoni, Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, Notre Dame Ravelin, Floriana CMR 02.

Further information may be obtained from the Manager, Finance and Administration, National Audit Office, Notre Dame Ravelin, Floriana CMR 02.

It-12 ta' Jannar, 2007

12th January, 2007

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Ingaġġ ta' *Casual Cleaners* fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

Id-Direttur Ġenerali (Edukazzjoni) jgħarraf li jilqa' applikazzjonijiet mingħand persuni li jixtiequ li jitqiegħdu fuq lista uffiċjali ta' kandidati biex skond il-ħtieġa u l-bżonn jiġu kkunsidrati għall-impieg bħala *Cleaners* fuq bażi *Casual* f'din l-Iskola ta' l-Istat:

Skola Sekondarja tal-Bniet Lily of the Valley, Triq Wied il-Għasel, il-Mosta.

2. L-ordni tal-mertu tinħoloq wara li l-applikanti eliġibbli jiġu intervistati biex jiġi stabbilit dwar kemm huma adatti għall-post ta' *Casual Cleaners*.

3. Ir-riżultat u l-ordni tal-mertu finali jibqa' validu għal perijodu ta' sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu.

4. Kull ingaġġ ikun ta' natura għal kollox temporanja u jista' jiġi mitmum mill-Gvern jew mill-*Casual Cleaner* f'kull żmien billi jingħata avviż bil-miktub ġimgħa qabel, bla ħtieġa li tingħata r-raġuni. L-ingaġġ ikun terminat xorta waħda għall-matul il-vaganzi ta' l-iskola tas-sajf jew inkella matul parti minnu.

5. Il-kandidati li jintgħażlu jkunu normalment mistennija li jaħdmu minn tnejn sa tliet sigħat kuljum wara l-ħin ta' l-iskola. F'każ eċċezzjonali u dejjem fid-diskrezzjoni tal-Kap ta' l-Iskola, jistgħu jintalbu li jaħdmu matul il-ħinijiet ta' l-iskola.

6. Il-ħlas ikun bir-rata ta' Lm1.61 għal kull siegħa maħduma. Il-*Casual Cleaners* ikunu intitolati wkoll għall-*bonus* annwali u l-ħlas supplimentari ta' kull ġimgħa, it-tnejn fuq bażi *pro-rata* skond in-numru ta' sigħat maħduma.

7. *Casual Cleaners* ma jkunux eliġibbli biex japplikaw għal sejħiet għall-applikazzjonijiet li jkunu miftuħin għall-impjegati tal-Gvern.

8. Il-kandidati għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-U.E. dwar il-moviment ħieles tal-

EDUCATION DIVISION

Engagement of Casual Cleaners in the Education Division

The Director General Education Division notifies that applications are being accepted from interested persons who would like to be placed on an order of merit of successful applicants for engagement as a Casual Cleaner in the following State School, if and when the need arises:

Lily of the Valley Girls' Secondary School, Triq Wied il-Għasel, il-Mosta.

2. The final order of merit will be published after all eligible applicants are interviewed to assess their suitability for the post of Casual Cleaner.

3. The order of merit will remain valid for a period of two (2) calendar years from the date of publication of the final result.

4. Any engagement made will be of an entirely temporary nature and may be terminated by the Government or by the Casual Cleaner at any time by giving a week's notice in writing without specifying any reason thereof. The engagement will however be suspended for the whole or part thereof, of the school summer holidays.

5. Selected candidates who are engaged will normally be expected to work after school hours from 2 to 3 hours per day. Exceptionally however they may be required to work during school hours at the discretion of the Head of School.

6. Remuneration will be at a rate of Lm1.61 for every hour worked. Casual Cleaners will also be entitled to the annual bonus and the weekly income supplement both on a pro-rata basis according to the number of hours worked.

7. Casual Cleaners will not be eligible to apply for any internal calls for applications open to serving Malta Government employees.

8. Candidates must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply; (in case of difficulty the

persuni; (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjuġi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġislazzjoni eżistenti.

Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati li hemm riferenza għaliha fil-paragrafi (ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġislazzjoni sussidjarja.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija;

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-Pulizija dwar il-Kondotta maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet, għandu jinthemeż ma' l-applikazzjonijiet).

(d) ikollhom 17-il sena jew aktar. L-applikanti jridu jissottomettu ċertifikat tat-twelid tagħhom flimkien ma' ċertifikat tat-twelid ta' missierhom. Iż-żewġ ċertifikati jridu jkunu maħruġa minn awtoritajiet pubbliċi kkonċernati. Applikanti li għalqu l-61 sena mhumiex eliġibbli li japplikaw.

9. (i) Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office*.

(ii) Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Kap ta' l-Iskola u tkun ikkupjata lill-KNPD.

10. Applikanti eliġibbli jridu joqogħdu għall-intervista mill-Kunsill Skolastiku ta' l-Iskola biex jiġi stabbilit kemm huma adatti għall-post.

Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation.

This should be determined with the advice of the Director, Department of Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) must have the ability to communicate in the Maltese language;

(c) be of good moral character (a Police Certificate of Conduct issued within 6 months prior to the closing date of applications must be produced).

(d) be 17 years of age or older. Applicants should produce their Birth Certificate with that of their father (issued from appropriate Public Authorities). Applicants who are 61 years or over are not eligible to apply.

9. (i) Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office.

(ii) Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Head of school and copied to the NCPD.

10. Eligible applicants will be interviewed by the School Council to assess their suitability for the post.

11. Kull min hu interessat jista' jiġbor il-formoli ta' l-applikazzjoni mill-Uffiċċju tas-Segretarju tal-Kunsill ta' l-iskola kkonċernata.

12. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mis-Segretarju tal-Kunsill Skolastiku ta' l-Iskola sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, it-2 ta' Frar, 2007.

13. Is-Segretarju tal-Kunsill Skolastiku jagħti rċevuta għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn dak il-ħin stess.

14. Min jibgħat l-applikazzjoni bil-posta għandu jieħu ħsieb li jibgħatha kmieni biżżejjed biex tasal qabel il-ħin u d-data ffissati għall-għeluq ta' l-applikazzjonijiet. Tintbagħat irċevuta mis-Segretarju tal-Kunsill Skolastiku, biex jikkonferma li l-applikazzjoni tkun waslet.

It-12 ta' Jannar, 2007

11. Interested persons may collect application forms from the Office of the Secretary of the School Council of the school.

